# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 23**

**Avviz numru 952/01mm**

**Paul Debono**

**Vs**

**Silvio Debono u Paul Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Debono Enterprises & Co.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fid-19 ta' Novembru, 2001, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti illi jigu dikjarati responsabbli ghad-danni, tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati, liema danni huma rapprezentanti dawk sofferti mill-attur minhabba f'materjal ta' konkoz hazin fornit mill-konvenuti lill-attur fil-kors ta' kostruzzjoni li l-istess attur kien qieghed jaghmel ghal certu Fredrick Cachia, liema konkoz irrizulta hazin skond is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti

Civili fl-ismijiet Fredrick Cachia vs Paul Debono et tas-26 ta' Gunju, 2001, Citazz 39/86DS.

Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni mitluba ma jeccedux is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju, 2001, u Mandat ta' Sekwestru numru …../2001 u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi l-azzjoni hija preskritta u perenta bid-dekors ta' sentejn mill-allegat kawza tad-danni.

2. Bla pregudizzju ghall-premess illi kif deciz fis-sentenza fil-kawza numru 39/86/DS "Fredrick Cachia vs Paul Debono" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2001, kien l-attur odjern misjub responsabbli tal-hsara fil-proprjeta' tal-attur f'dik il-kawza u kwindi t-talbiet attrici ma jistghux u m'ghandhomx jigu milqugha u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-istess attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju, 2002, fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin ipoggu ostakolu ghall-azzjoni attrici bid-dekors ta' sentejn. F'din l-eccezzjoni l-konvenuti ma kkwotawx l-Artikolu tal-Ligi, pero' b'nota pprezentata fit-23 ta' April,2002, a Fol. 47, spjegaw l-eccezzjoni taghhom fis-sens illi l-Artikolu in kwistjoni huwa l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Apparti li t-termini msemmija fl-eccezzjoni originali u fin-Nota Spjegattiva huma differenti u ghalhekk tqum il-kwistjoni liema hija dik applikabbli, sentejn jew hames snin, hemm ukoll il-kwistjoni tal-bidu tal-perjodu preskrittiv peress illi l-partijiet m'humiex jaqblu dwar dan.

Filwaqt illi l-attur jikkontendi illi l-perijodu preskrittiv beda' jghaddi mill-gurnata tas-sentenza, cioe' s-26 ta' Gunju, 2001, il-konvenuti qeghdin jghidu illi t-terminu preskrittiv beda' ferm qabel u cioe' meta gie ssupplit il-materjal difettuz u cioe' fl-1986.

Ikkunsidrat:

Qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tippronuncja ruhha fuq dan l-aspett, tajjeb illi jinghad il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza.

Ghal habta ta' l-1986, Fredrick Galea kien ta appalt lil Paul Debono sabiex jesegwixxi xoghol ta' kostruzzjoni. Paul Debono xtara konkoz minghand il-konvenuti u applika dan il-materjal fil-fond ta' Fredrick Galea skond l-appalt illi gie kkommissjonat lilu.

Irrizulta illi dan il-konkoz kien difettuz, Fredrick Galea ottjena sentenza kontra Paul Debono fis-26 ta' Gunju, 2001, fejn Paul Debono kellu jesegwixxi mill-gdid ix-xogholijiet taht is-sorveljanza tal Perit Michelangelo Refalo.

Dan ix-xoghol sar u sar fit-terminu stabbilit fl-istess sentenza. Il-Perit Michelangelo Refalo irrilaxxa certifikat illi qieghed esebit a Fol. 9 tal-process minfejn irrizulta li x-xogholijiet gew esegwiti minn Paul Debono ghas-sodisfazzjon ta' l-istess perit u skond l-arti u is-sengha.

Issa Paul Debono qieghed idur kontra s-*suppliers* tieghu, il-konvenuti odjerni biex ihallsu d-danni illi huwa nkorra minhabba l-materjal difettuz illi originarjament ikkonsenjawlu.

Ghalhekk tqum il-kwistjoni f'dan l-istadju meta beda' jibda l-perijodu preskrittiv u cioe' jew mid-data tas-sentenza kif jikkontendi l-attur jew inkella mid-data tal-fornitura tal-materjal kif jippretendu l-konvenuti.

Il-Qorti taghmel referenza ghan-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur u ghal gurisprudenza hemm ikkwotata. Hawnhekk il-Qorti taqbel mall-konkluzjoni raggunta li, "Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda' minn dakinhar li dik l-azzjoni tista' tigi ezercitata." Fil-fatt, id-dritt ta' l-attur

odjern li jagixxi fil-konfront tal-konvenuti avvena ruhu bid-decizjoni tas-26 ta' Gunju, 2001, fejn gie deciz li x-xoghol sar hazin u dan minhabba konkoz difettuz supplit mill-konvenuti.

Ghalhekk meta l-ezercizzju ta' dritt jiddependi fuq iehor li jkollu jigi gudizzjalment accertat, allura l-perijodu preskrittiv fil-konfront ta' dak id-dritt jigi sospiz.  Dana qalitu l-kawza fl-ismijiet Paolo Coludrovic vs Carmelo Muscat  datat 1 ta' Gunju, 1959, (Vol. XLIII P1 p518) moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fejn ikkwotat lil Fadda, "Se l'esercizio di una azzione dipende dall'esito di un gudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo gudizio costituisce legale impedimento al esercizio del diritto e sospende la prescrizione… finche l'azione non e nata e imposibile ragionare di prescrizione,"  (Fadda Art.2120 No.120).  Dan it-taghlim ghandu l-gheruq tieghu fid-dicitura tad-dritt Ruman, "Contra non valentem agere nulla currit prescriptio."

Il-Qorti tosserva illi l-attur ma seta' qatt ifittex sakemm is-sentenza tal-Prim Awla saret definittiva u ma jidhirx illi sar appell mid-decizjoni taghha tas-26 ta' Gunju, 2001.  Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi hija propju minn dakinhar illi beda' ghaddej il-perijodu preskrittiv kontra l-attur.

Din il-kawza giet ipprezentata fid-19 ta' Novembru, 2001, ghalhekk ftit xhur wara s-sentenza fuq imsemmija.  Dana jaghmel il-kwistjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni rrelevanti peress illi zgur li l-attur ma kien ser jitlef id-dritt tieghu li jagixxi fi zmien hames xhur.

Ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk il-perijodu ghandux ikun dak ta' sentejn jew hames snin jew inkella jekk il-konvenuti setghux bin-Nota Spjegattiva taghhom jimmodifikaw l-eccezzjoni originali taghhom.  Hi x'inhi, jibqa' l-fatt li l-konvenut agixxa fit-terminu moghti lilu u l-azzjoni tieghu tista' timxi b'mod regolari.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi dwar il-meritu.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Deputat Registratur